# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Gimgha 7 ta' Lulju, 2023

Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` **Mandat ta` Inibizzjoni Numru 960/2023ISB** fl-ismijiet :

**Chiara Carpinelli (KI 156192A)**

**Vs**

1. **Claudette Spiteri Petrovic (KI 13072M)**
2. **Vesko Petrovic (KI 416312L)**
3. **Michael Bonello (KI 0741840M)**
4. **Catherine Torrance Sullivan (KI 429602L)**
5. **Luke Philip Skyrme (KI 214131A)**

Il-Qorti :

Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrenti fid-8 ta' Jannar 2023 fejn ir-rikorrent talbet lil din il-Qorti sabiex iżżomm lill- intimati milli :

*B'kwalunkwe mod jinstalla jew jibni lift, u/jew struttura li jitqieghed fiha xi lift, fil-blokka ta' appartamenti gewwa Queen Alexandra Mansions, 46, Triq Nofs in-Nhar,*

*Valletta, taħt liema blokka tinsab il-propjeta tal-esponenti bl-indirizz 46, Basement, u mingħajr numru ufficjali, Triq Nofs in-Nhar, Valletta, b'mod li tinvadi l-propjeta' tal-esponenti kif indikata fuq il-pjanta annessa mal-konvenju (konvenju anness u mmarkat bhala '**Dok A'**) u li ghaliha jaghmel referenza il-kuntratt ta' akkwist anness u mmarkat bhala '**Dok B'**, kif ukoll qabel ma jkun hemm qbil dwar il-metodu tax-xoghol li se jsir mill-intimati*

u dan għar-raġunijiet u l-premessi magħmula, ċioe`:

1. *Illi r-rikorrent hija sid tal-propjeta' gewwa 46, Basement, u mingħajr numru ufficjali, Triq Nofs in-Nhar, Valletta kif jidher mill-istess Dok B;*
2. *Illi l-intimati huma is-sidien tal-appartamenti gewwa il-blokka Queen Alexandra Mansions, 46, Triq Nofs in-Nhar, Valletta, taħt liema blokka tinsab il-propjeta tal-esponent;*
3. *Illi l-esponenti giet mgħarrfa illi **gћada** l-intimati se jinstallaw lift fil-blokka in kwistjoni, u dan se jigi installat f'nofs il-propjeta' tal-esponenti, u dan minghajr l-awtorizzazzjoni tal-istess esponenti (kif jidher mir-ritratt anness u mmarkat bhala **'Dok C'**)*
4. *Illi peress illi l-fond tar-rikorrenti jinsab fis-sular basement tal-blokka, hija m'ghandhiex bzonn li l-lift jigi installat mis-sular taghha ghaliex hija mhijiex se tuzah.*
5. *Illi fil-fatt fil-hdax-il pagna tal-kuntratt ta' akkwist hemm stipulat illi:*

   *".. purchaser does not pay for the lift expenses, which the purchaser does not have a right to use. No association is in place and no elevator is in place, purchaser needs to come to an agreement with the other owners of the units in the same block"*
6. *Illi biex l-esponenti izzid ma' dan, fil-pjanta annessa mal-kuntratt ta' akkwist li permezz tieghu l-esponenti akkwistat il-propjeta' taghha imkien ma' kien jidher li kien se jkun hemm lift installat propju f'nofs il-propjeta' taghha;*
7. *Illi l-intimati ghandhom kull dritt li jinstallaw il-lift fil-blokka, izda certament m'ghandhomx dritt li jinvadu l-propjeta' tal-esponenti;*
8. *Illi dan ma huwiex sewwa u bil-mod kif l-intimati bi hsiebhom jwettqu tali xoghlijiet, fl-ewwel lok, se jinvadu l-propjeta' tal-esponenti, u fit-tieni lok, se jikkawzaw ħsarat irrimedjabbli fl-istess propjeta'. Ghal kull buon fini jigi rilevat illi sa-lum l-intimati ma pprovdew l-ebda method statement ta' kif se jsiru x-xoghlijiet, liema dokument huwa rikjest mil-ligi bhala sine qua non qabel ma jsir xi xoghol ta' zvilupp.*
9. *Illi mill-premess jirrizulta l-prima facie dritt u l-pregudizzju irrimedjabbli li ser isofri l-esponenti kemm il-darba dina l-Onorabbli Qorti ma tohrogx l-istess mandat;*

10. *Illi ghalhekk ir-rikorrenti titlob li dan l-mandat jintlaqa' immedjatament, fuq bazi provizorja, u dan skont kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi tal-kaz, u dan b'tali mod illi jigu notifikati l-awtoritajiet relattivi u l-intimat jigi inibit kif deskritt iktar 'il fuq.*

    *Illi l-esponenti se tiġi ppreġudikata jekk l-intimati ma jiġux inibiti kif ingħad*

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-rikors promotur.

Rat id-**digriet** tagħha tat-8 ta' Gunju 2023, fejn laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod provvizorju, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati bi żmien prefiss biex iwieġbu, u fejn appuntat ir-rikors għas-smigh ghall-udjenza tal-21 ta' Gunju 2023.

Rat li l-intimati kienu debitament notifikati.

Rat ir-**Risposta** tal-intimati pprezentata fl-10 ta' Gunju 2023, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex ticħad it-talbiet tar-rikorrenti għar-raġunijiet segwenti:

1. *L-esponenti jirrispingu t-talbiet kollha tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-mandat premess huwa null, u l-intimata naqqset milli turi l-jedd prima facie u l-preġudizzju li ser issoffri.*

   ***Nullita tal-Mandat***

   *Nuqqas ta' deskrizzjoni tal-pretensjoni*

2. *A tenur tal-Artikolu 831(1)(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta Malta), talba għall-ħruġ ta' mandat għandha jkollha taħt piena ta' nullità deskrizzjoni tal-oriġini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wieħed ikun irid iqiegħed fiż-żgur.*
3. *Fil-kaz ta' Mandat t'Inibizzjoni imbaghad japplika l-Artikolu 873(2), li jissottolinja li-pretenzjoni m'għandiex tkun waħda astratta iżda waħda konkreta u li tirriżulta prima facie. Illi, r-rikorrenti f'punt numru 7 tar-rikors promotur qalet illi "l-intimati għandhom kull dritt jinstallaw il-lift fil-blokka, iżda ċertament m'għandhomx dritt jinvadu l-propjeta' tal-esponenti", u għalhekk r-rikorrenti stess ammettiet li huwa dritt tal-konvenut biex tinstalla l-imsemmi lift fil-propjeta taghhom stess, iżda naqset milli tagħti dettalji dwar kif, fl-eżerċizzju ta' dan il-"kull dritt" ser ikunu qed jinvadu l-proprjetà tagħha.*
4. *Dikjarazzjoni xotta xotta li l-mandat qed isir għaliex "għandha interess li jitħarsu l-jeddijiet tal-esponenti" u "sabiex tikkawtela d-dritt tagħha" bl-ebda mod ma tista' tilħaq il-vot tal-liġi f'dan ir-rigward, għaliex għal finijiet tal-*

*mandat t'inibizzjoni kien jistħoqq li r-rikorrent tindika x'inhuma d-drittijiet tagħha li jiġu ikkawtelati.*

***Nuqqas ta' dritt prima facie***

5. *Bla preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti għandha l-obbligu li turi għall-anqas sal-grad tal-prima facie li għandha xi jedd li tikkawtela; liema jedd għandu jissussisti fir-rigward tat-talbiet <u>kollha</u> li qed isiru fil-mandat.*
6. *Ir–rikorrenti tirreferi biss għal "mod li tinvadi l-propjeta' tal-esponenti" mingħajr ma tagħti l-iċken dettall validu dwar dan il-"mod" u mingħajr ma tindika liem drittijiet qed tippretendi li ser jinkissru minn dan il-"mod".*

***Fatti Kompjuti***

7. *Il-pjanti rreġistrati mal-Awtorità tal-Artijiet f'Novembru 2022 (mehmuża hawn bħala* ***Dok. A****.) (qabel ix-xiri tal-proprjetà mir-rikorrent) juru l-linja l-ħamra u l-bokkaport li jduru madwar "Void" u mhux fiha. Dan jixhed kif ir-rikorrenti kienet taf b'dan il-lift qabel ma xtrat il-proprjetà għaliex x-xaft tal-lift/struttura li jitqiegħed fiha lift kien diġa komplut qabel ma xtrat il-proprjetà f'Jannar ta' din s-sena 2023.*
8. *Il-pjanijiet juru wkoll li "Void" għandu "a right of use". Dan il-"right of use" jissemma fil-kuntratt tal-akkwist, in referenza għall-lift fejn jingħad "purchaser does not pay for the lift expenses, which the purchaser does not have a right to use". Dan jixhed illi r-rikorrenti xtrat il-proprjetà kompletament konxja illi x-xaft tal-lift kien diġa jeżisti u li l-esponenti għandhom dritt tal-użu tal- "Void" bħala lift. Dan ġie kkonfermat:*

   *a. Minn Nutar Dr Charmaine Bonnici fir-rapport tagħha datat 15 ta' Ġunju 2023, hawnhekk anness bħala* ***Dok. B.****;*

   *b. Mis-Sur Gordon Ciantar, il-persuna li biegħ il-proprjetà lir-rikorrenti, f'messaġġ datat 14 ta' Ġunju 2023 lill-esponenti Claudette Spiteri Petrovic (hawnhekk anness bħala* ***Dok. C.****) fejn batilha messaġġ li huwa bagħat lir-raġel tar-rikorrenti (Luca Mollo).*

   *c. Fir-rapport tal-Perit Konrad Buhagiar datat 15 ta' Ġunju 2023 (hawnhekk anness bħala* ***Dok. D.****) li jikkonferma illi meta l-esponenti Luke Philip Skyrme xtara l-proprjetà tiegħu, din diġa kellha l-attrezzaturi kollha biex jitwahhal il-lift.*

   *d. Mir-ritratt li ttiehed mill-esponenti Claudette Spiteri Petrovic fis-7 ta' Marzu 2020 (hawnhekk anness bħala* ***Dok. E.****) meta hi u żewġha l-esponenti Vesko Petrovic kienu qed jduru l-proprjetà in kwistjoni qabel ma xtrawha.*

9. *Fil-kuntratt tal-akkwist jingħad illi "the property is being sold in tale quale condition as seen and accepted by the Purchasers". Importanti illi wieħed jinnota illi:*

   *a. Il-proprjetà m'għandha u qatt ma kellha l-ebda aperturi, kanali tal-ventilazzjoni, ventijiet miftuħa fuq dan ix-xaft tal-lift, u għalhekk il-proprjetà tar-rikkorenti li hija qed tgħid li ser tiġi invaduta, mhux qed tkun u lanqas qatt m'hi ser tkun, fil-fatt, invaduta.*

   *b. Ir-rikorrenti xtrat il-il-proprjetà konxja illi l-ispazju mmarkat bħala "Void" kien meħud minn struttura eżistenti ta' lift. L-uniku kompitu li kien fadal kien l-installazzjoni ta' kabina apposta, li kienet għadha ma tlestietx.*

   *c. Din l-istruttura tal-lift kienet kompletament issiġillata fil-livell tal-basement, li juri kif l-installazzjoni tal-lift f'din l-istruttura ma taffettwa bl-ebda mod id-drittijiet tar-rikorrenti.*

   *Dawn il-punti ġew ukoll verifikati mill-Perit Konrad Buhagiar fir-rapport tiegħu hawnhekk anness bħala* ***Dok. D.***

10. *Illi l-kuntratt tal-ordni tal-lift gie ffirmat f'Ottubru tas-sena 2022 (hawnhekk anness u mmarkat bhala* ***Dok. F.****), wara li l-esponenti Claudette Spiteri Petrovic kienet kelmet lil Sur-Gordon Ciantar (li kien l-amministratur tal-propjeta li eventwalment fis-sena 2023 xtrat ir-rikorrenti) u ġabet il go-ahead minghandu biex jibdew jippjanaw ghal-installation tal-lift.*

11. *Illi, kif imsemmi diġa hawn fuq u kif jixhed Dok. C, ir-rikorrenti u s-Sur Ciantar ġieli tkelmu fuq din l-affari, tant hu hekk illi s-Sur Ciantar qal lir-raġel tar-rikorrenti, Luca Mollo, "to please stop contacting [him]" u rega spjegalu li l-proprjetà illii xtrat ir-rikorrenti giet mibjuħa lilha tale quale, jiġifieri bil-parti mmarkata bhala "Void" immarkata kif inhi proprju llum.*

12. *Fir-rikors promotur, saru numru ta' dikjarazzjonijiet foloz:*

    *a. Dok. C. mehmuż mar-rikors promotur juri l-pożizzjoni tal-lift bħala ġewwa l-proprjetà fil-basement. Dan mhux korrett, kif jidher mid-Dok. A. mehmuż ma' din ir-risposta.*

    *b. F'punt 8 tar-rikors tar-rikorrenti jingħad illi ser isiru "ħsarat irrimedjabbli" fil-proprjetà tagħha. Importanti illi wieħed jinnota illi, il-proprjetà ma għandha u ma kellha l-ebda aperturi, kanali tal-ventilazzjoni, ventijiet miftuħa fuq dan ix-xaft tal-lift, u għalhekk il-proprjetà tal-applikant li hija qed tgħid li ser tiġi invaduta, mhux qed tkun u lanqas se tkun, fil-fatt, invaduta. Barra minn hekk, din l-istruttura tal-lift kienet kompletament issiġillata fil-livell tal-basement, li juri kif l-installazzjoni tal-lift f'din l-istruttura ma taffettwa bl-ebda mod id-drittijiet tar-rikorrenti. Wieħed jistaqsi, kif jista' jkun isiru dawn il-"ħsarat irrimedjabbli" fid-dawl ta' dan u jekk ix-xaft tal-lift kien diġa installat u jeżisti qabel mar-rikorrenti xtrat il-proprjetà?*

*c. Ir-rikorrenti skorettament qiegħda tgħid li il-parti mmarkat bhala "Void" esklussivamet jaghmel parti mill-proprjetà tagħha, meta jidher ċar minn Dok. A. illi l-parti mmarkat bħala 'Void' li mhuwiex.*

13. *L-esponenti Michael Bonello, għandu l-marda ta' Parkinsons, kif jixhed* ***Dok. G****. hawnhekk anness. Minħabba s-severità tal-kundizzjoni tiegħu, huwa ma jistax jimxi jew iwettaq kompiti bażiċi mingħajr għajnuna. Il-kundizzjoni tiegħu tant hija debilitanti li lanqas ma jista' joħroġ mill-isptar biex jirritorna d-dar mingħajr l-użu ta' lift, li hu meħtieġ biex jaċċessa r-residenza tiegħu.*
14. *L-esponenti Catherine Torrance Sullivan tiddependi fuq il-krozzi biex timxi, u ħajjitha hija affettwata ħafna mill-azzjonijiet tar-rikorrenti. It-tentattiv tar-rikorrenti li twaqqaf l-installazzjoni ta' lift li fil-biċċa l-kbira tiegħu diġà huwa installat u li jeħtieġ biss tlett ijiem oħra ta' xogħol (biex tiġi installata l-kabina fl-istruttura eżistenti, kif muri f'****Dok. E.*** *hawnhekk mehmuż), mhux biss huwa frivoli u vessatorju iżda wkoll ifixkel b'mod inġust il-mobilità tal-esponenti s-Sinjura Torrance Sullivan.*
15. *Minħabba r-rikors vessatorju tar-rikorrenti, l-esponenti diġà qed jiffaċċjaw pieni. Il-lift ordnat, wasal Malta tliet ġimgħat ilu, u irid jiġi installat fi żmien ġimagħtejn; inkella, tiġi imposta miżata ta' penali ta' EUR 100 kull ġurnata li tkompli tippreġudika lill-esponenti. L-azzjonijiet tar-rikorrenti mhux biss jesponuhom għal danni potenzjali iżda wkoll qed iżommuhom responsabbli għall-ispejjeż legali.*
16. *Id-dritt tal-esponenti li jgawdu b'mod paċifiku u komdu l-proprjetà tagħhom ġiet kompromessa serjament mill-azzjonijiet vessatorji u frivoli tar-rikorrenti.*

***Konklużjonijiet***

17. *Minħabba dawn ir-raġunijiet kollha, il-mandat kawelatorju ntavolat mill-esponenti ma jistax jirnexxi u għandu jiġi miċhud minn din l-Onorabbli Qorti.*

Rat id-dokumenti ppreżentati.

Rat il-verbali taz-zewg seduti mizmuma.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-5 ta' Lulju 2023 u rat illi r-Rikors tħalla għal provvediment *in camera*, kif qed isir illum.

**Ikkunsidrat**:

Illi skond l-**Artikolu 873(1) tal-Kap12** tal-Ligijiet ta' Malta, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Issa skond l-**Artikolu 873(2) tal-Kap 12**, il-Qorti m`għandhiex toħrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieg sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent '*prima facie*' jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

Fil-fatt mill-Artikolu 873(2), joħorgu żewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

1) fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa meħtieg sabiex jitħarsu jeddijiet li qed jippretendi li għandu; u

2) fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* għandu dawn il-jeddijiet.

Appuntu dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`**[1] qalet hekk:

> *... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

L-elementi li jwasslu ghall-ħrug tal-Mandat huma kumulativi u mhux alternativi. Li allura jfisser illi jekk xi wieħed mill-elementi ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħrug tal-Mandat mitlub. Huwa ukoll riaffermat li l-proċedura tal-lum hija mahsuba biex tkun waħda sommarja.

Il-fatt illi tintlaqa` talba għall-ħrug tal-Mandat, m`għandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant ieħor m`għandux ifisser li jekk il-ħrug tal-Mandat ikun micħud, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu.

Ħadd mill-partijiet ma jista` jew m`għandu jippretendi li mad-"*daqqa t`ghajn*" għandha tkun propju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni.

Finalment irid jiġi preċizat ukoll illi l-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali. Għalhekk ma jistax ikun hemm il-hruġ tal-Mandat jekk il-ħsara li minnha r-rikorrent ikun qiegħed jilmenta tkun tista` tiġi rimedjata mod ieħor.

Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu iżda

[1] 14 ta` Lulju 1988, (Kollez. Vol. LXXII.II.290)

huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**:

Illi jirrizulta fuq livell prima facie mill-provi li treqqsu illi filwaqt illi dik il-parti mmarkata *void* tinsab ukoll fil-livell tal-basement level mixtri u akkwistat mir-rikorrenti, pero` il-Qorti ma tinsabx sodisfatta sal-punt li trid il-ligi illi dik il-parti tifforma parti mill-basement akkwistat mir-rikorrenti u ghalhekk ma tistghax tikkondividi l-pretensjoni tar-rikorrenti illi l-lift fil-*void* area msemmija ser ikun qed jinvadi l-proprjeta' taghha. F'dan is-sens, il-Qorti ssib illi dan id-dritt prima facie, ir-rikorrenti ma rnexxiliex tipprovah.

Il-Qorti ssib konfort tghid dan mhux biss ghaliex ma jirrizultax illi r-rikorrenti ghandha xi access ghal dik il-parti immarkata *void*, imma ukoll ghaliex filwaqt illi hija tistrieh fuq il-pjanta annessa mal-konvenju, dik l-istess pjanta giet deskritta minn Nutar illi quddiemha sar il-konvenju u li konsegwentament ppubblikat il-kuntratt, in-Nutar Charmaine Bonnici, illi "*the plan attached to the promise of sale to the final deed was used for identification purposes only*" u n-Nutar spjegat illi kienet ir-rikorrenti illi kellha taghmel il-verifiki taghha fil-perjodu tal-konvenju.

B'dana kollu il-Qorti tosserva illi fir-rikors taghha, ir-rikorrenti taghmel referenza ghan-nuqqas ta' qbil dwar il-metodu tax-xogholijiet li ghandhom isiru. F'dan is-sens hija taghmel referenza ghall-kuntratt ta' akkwist taghha fejn jinghad espressament hekk:

> *No association is in place and no elevator is in place, purchaser needs to come to an agreement with the other owners of units in the same block.*

Hija ghalhekk issostni illi qabel ma jkun hemm ftehim, ma jistghax isir xoghol fil-*void* area msemmija. Tivvanta dan id-dritt taghha illi tasal fi tehim bhala dritt *prima facie* ghal finijiet ta' dan il-Mandat.

Qabel xejn il-Qorti tqis illi din il-klawsola fil-kuntratt tar-rikorrenti tista' biss titfa' xhieda tal-fatt illi r-rikorrenti kienet konxja tal-fatt illi kellu jigi nstallat *lift* f'dak l-ispazju.

Issa jibqa' l-konsiderazzjoni jekk dak miktub fil-kuntratt tar-rikorrenti itihix dritt *prima facie* x'tikkawtela.

L-intimati ma jindirizzawx din il-materja fir-risposta taghhom.

Il-Qorti tibda' biex tghid illi certament illi l-kliem tal-klawsola invokata mir-rikorrenti xejn mhu felici, u ma jistghax jinghad illi b'mod car u inwekwivoku tfisser illi ma jistghax jigi installat lift fil-*void* area jekk mhux qabel ma jkun hemm qbil taghha mas-sidien l-ohra tal-blokka ta' appartamenti. Qari akkurat tal-klawsola jwassal lill-Qorti tikkonkludi f'dan l-istadju u ghal finijiet ta' dawn il-proceduri, illi ma hemmx *association* ffurmata, illi ma hemmx lift installat u illi r-rikorrenti trid tasal f'akkordju mas-sidien l-ohra fl-istess blokk. Dwar xhiex u ghal xhiex qed jirreferi l-akkordju mhux car, izda l-qorti tista' biss tifhem illi dak l-akkordju jirreferi ghall-association u ghall-lift.

Dan kollu magħdud, il-Qorti **ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi jidher pacifiku jinghad illi r-rikorrenti kienet taf u hija konxja illi fil-*void* ghandu jsir lift.

Illi r-rikorrenti ssostni illi l-ftehim irid jintlahaq maghha dwar il-metodu tax-xoghol, izda il-Qorti mhix sodisfatta illi gie ppruvat dan id-dritt tar-rikorrenti, anke ghaliex il-kuntratt ma ighidx dan.

In ogni caso, l-kuntratt taghha huwa mas-sidien precedenti tal-basement u mkien ma jirrizulta illi dak il-kuntratt ghandu effett fuq is-sidien l-ohra tal-blokk.

Illi in kwantu illi l-procedura ta' Mandat ta' Inbizzjoni hija procedura eccezzjonali, il-Qorti ma thossx ghalhekk illi l-Mandat ta' Inibizzjoni mitlub ghandu jintlaqa', anke peress dak illi trid il-ligi bl-Artikolu 873(2) huwa illi ir-rikorrenti turi illi ghandha l-jeddijiet minnha pretizi fuq livell prima facie. Il-Qorti mhix konvinta illi anke f'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ppruvat il-jedd minnha pretiz fil-livell ta' prova necessarja.

U gja la darba msemmi l-Artikolu relattiv, il-Qorti trid tosserva illi ma ssib xejn fir-rikors promotur illi jwassal ghan-nullita' tieghu kif ecceppit mill-intimati. Il-Qorti tqis illi l-Mandat kien istitwit sewwa, skond il-ligi, u b'ebda mankanza tar-rekwiziti mitluba mill-ligi.

**GĦALDAQSTANT**, għar-raġunijiet kollha premessi, din il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi :

(a) **tirrevoka** *contrario imperio* d-digiret taghha tat-8 ta' Gunju 2023 safejn il-Mandat kien milqugh b'mod provvizorju, u

(b) **tichad** it-talba għall-ħrug tal-Mandat b'mod definittiv.

Spejjeż ta' din il-proċedura a karigu tar-rikorrenti.

Mogħti *in camera*, illum, il-Gimgha s-7 ta' Lulju, 2023.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**